# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar It-Tnejn, 24 ta' Mejju, 2021**

**Numru 11**

**Ċitazzjoni numru 570/05 JRM**

**David Joseph Meli**

**v.**
**Francis Zarb Adami**

**Il-Qorti:**

1. Rat ir-risposta tal-appell u r-rikors tal-20 ta' Frar 2018 fejn il-konvenut appellat talab lil din il-Qorti biex tordna l-isfilz tad-dokumenti tat-taxxa għas-snin 2012, 2013, 2015 u 2016 ippreżentati mill-attur appellant mar-rikors tal-appell u fit-28 ta' Diċembru, 2017.

2. L-attur appellant flimkien mar-rikors tal-appell tiegħu, ippreżenta numru ta' dokumenti konsistenti f'*income tax return* għas-snin 2012, 2013 u 2015. Huwa qal hekk fir-rigward:

> *"L-appellanti jistenna li l-appellat jista' jobjetta għall-fatt li dawn id-dokumenti ġew esebiti f' dan l-istadju. Bir-rispett kollu ma setax isir mod ieħor. Dawn id-dokumenti kif jaf kulħadd jiġu kompilati fl-aħħar tas-sena u kwindi fl-aħħar tas-snin 2012, 2013, 2014 u 2015. L-istadju tal-provi kien ilu magħluq għal ċertu żmien u ċertament kien assolutament magħluq fil-29 ta' Frar 2012 meta l-Qorti iddiferiet il-kawża għas-sentenza u għalhekk l-appellanti kien fl-impossibilita` li jressaq dan it-tip ta' prova quddiem l-ewwel qorti. Ma kienx mistenni mill-appellanti li, għal kull sena li ddum ma damet biex tingħata s-sentenza, huwa jippreżenta rikors għas-sospenzjoni tagħha biex ikun jista' jinfilza kopja tar-return tiegħu tal-formula tat-taxa. B'dak it-tip ta' raġunament is-sentenza ma tista' tingħata qatt!"*

3. Din il-Qorti invece taqbel mal-konvenut appellant li minkejja li l-provi kienu magħluqa, l-attur seta' talab l-awtorizzazzjoni tal-ewwel Qorti sabiex dawn jiġu esebiti, u lanqas kien ikun il-każ li l-prolazzjoni tas-sentenza tiġi sospiża b'daqshekk. Il-kawża kienet ilha tiġi differita għas-sentenza mill-2009 sal-2016 u allura lejn l-aħħar snin ċertament li kien fil-possibilita` li jippreżenta l-imsemmija dokumenti. Madanakollu ma għamel l-ebda rikors f'dan is-sens.

4. Għalkemm l-Artikolu 145[1] tal-Kap 12 jipprovdi li:

> "*Mar-rikors, mat-tweġiba u mar-replika, għandhom jinġiebu d-dokumenti li jkunu jsaħħu t-talbiet tal-wieħed jew l-eċċezzjonijiet tal-ieħor*"

[1] Taħt l-intestatura "***Fuq il-Proċedimenti b'rikors biex isir appell"***

l-interpretazzjoni li qegħda tingħata lil dan l-artikolu hija fis-sens li d-dokumenti prodotti fl-istadju tal-appell jingħataw piż biss jekk tali dokumenti ma jkunux disponibbli fl-ewwel istanza. Hekk per eżempju fis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti fis-17 ta' Ġunju, 2019 fil-kawża fl-ismijiet **<u>Maria Dolores Falzon v. Monica Debarro et</u>** ġie ritenut is-segwenti:

> *"12. Il-konvenuti appellati fir-risposta tal-appell tagħhom talbu li tali dokumenti jiġu sfilzati għaliex ma ngħatat l-ebda raġuni għaliex ma ġewx prodotti qabel.*
>
> *13. Fil-fatt l-interpretazzjoni riċenti li qegħda tingħata lil dan l-artikolu hija waħda ristretta: u cioe` li d-dokumenti prodotti fl-istadju tal-appell jingħataw piż biss jekk tali dokumenti ma kinux disponibbli fl-ewwel istanza. F'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel riferenza għall-insenjament mogħti minn din l-istess qorti fis-sentenza parzjali mogħtija fit-28 ta' April 2014 fil-kawża fl-ismijiet "**<u>Olive Gardens Investments Ltd v. Salvu Farrugia et":</u>***
>
>> *"8. Dwar il-pożizzjoni legali relattiva għat-talba għall-isfilż ta' provi dokumentali ġodda annessi mar-rikors tal-appell, din il-qorti tosserva li, filwaqt li huwa minnu li kif relevat mis-soċjeta` attriċi teżisti ġurisprudenza preċedenti fis-sens li bis-saħħa ta' dak li jgħid l-Artikolu 145 tal-kap 12, l-appellanti għandu l-fakolta` li jippreżenta dokumenti mar-rikors tal-appell tiegħu, iżda din il-qorti f'sentenzi aktar riċenzjuri irriteniet li l-interpretazzjoni korretta tal-istess artikolu, konformi mal-funzjoni ta' din il-qorti bħala qorti ta' reviżjoni, hi li filwaqt li dak l-artikolu jippermetti li jiġu materjalment prodotti dokumenti mar-rikors tal-appell, b'danakollu l-piż li kun jista' jingħata lil tali dokumenti minn din il-qorti jkun jiddependi fuq jekk l-istess dokumenti kinux disponibbli u allura produċibbli fl-ewwel istanza.*
>>
>> *"9. Fir-rigward din il-qorti diġa kellha okkażjoni tirribadixxi fil-kawża <u>Emanuel Zammit v Charles Polidano</u>[2], deċiża fil-31 ta' Jannar 2014 li "filwaqt li huwa minnu li parti appellanti tista' tressaq dokumenti mal-appell tagħha, dawn id-dokumenti m'għandhomx ikunu provi ġodda li setgħu faċilment ġew prodotti fl-ewwel istanza, għax kif qalet din il-qorti fil-kawża <u>Schembri vs Schembri</u>, deċiża 22 ta' Frar 2013: 'il-funzjoni ta' din il-qorti hija waħda ta' reviżjoni, intiża sabiex tirrevedi dak li jkun sar quddiem l-ewwel qorti, u mhux li tisma' provi ġodda li setgħu ġew prodotti quddiem l-ewwel qorti.' Il-provi kollha jridu jinġiebu quddiem l-ewwel qorti, u jekk parti tonqos li tagħmel dan, ma tistax, wara s-sentenza, tipprova tressaq provi ġodda biex twaqqa' l-argumenti li l-*

[2] 1224/97

> *ewwel qorti, fuq il-provi prodotti użat biex waslet għall-konklużjoni tagħha."*

5. Fid-dawl tas-suespost, u ladarba l-attur naqas milli jitlob lill-ewwel Qorti l-permess sabiex jippreżenta l-imsemmija dokumenti fil-proċeduri tal-ewwel istanza, meta fil-fatt kienu disponibbli, din il-Qorti mhix sejra tqishom.

6. L-attur appellant, fit-28 ta' Diċembru, 2017 kien ippreżenta dokumenti konsistenti fl-*income tax return* tas-sena 2016. Huwa fin-nota relattiva jispjega li dawn ma setax jesebihom qabel, u cioe` fil-kors tal-ġbir tal-provi, peress li ma setax kienu a dispożizzjoni tiegħu. Kif fuq spjegat, il-konvenut appellat għamel rikors għall-isfilz ta' tali dokumenti wkoll. Fit-3 ta' Mejju, 2021 l-attur talab ukoll li jesebixxi kopji tad-dokumenti tat-taxxa sal-2020.

7. La darba din il-Qorti ġia esprimiet il-fehma li dokumenti tat-taxxa sal-2015 setgħu ġew esebiti quddiem l-Ewwel Qorti u ma kienx hemm raġuni valida għaliex dan ma sarx, ma tħossx li hu ġustifikat li dak li ma għamilx l-attur quddiem l-Ewwel Qorti jittenta jagħmlu issa billi jkompli jibni fuq prova li seta' u kellu jġib quddiem l-Ewwel Qorti.

8. Kif intqal il-Qorti tal-Appell hi Qorti ta' reviżjoni u meta l-Ewwel Qorti qieset it-telf ta' qliegħ kellha disponibbli il-qliegħ attwali tal-attur appellant.

Kien jispetta lilu li jġib l-aħjar prova f'dak l-istadju tal-qliegħ tiegħu. Bl-istess mod li qliegħ jista' jiżdied, jista' ukoll jonqos u dan jiddependi minn ħafna fatturi fosthom il-kwalita` tal-impjieg jew professjoni tal-persuni, iċ-ċirkostanzi tal-ħajja u s-suq fil-pajjiż fost oħrajn. Dan ma jfissirx li l-attur jibqagħlu l-fakulta` li kull meta jidhirlu jitlob żieda fil-kumpens għax il-qligħ żdied, għax b'dan il-mod l-istess jista' jingħad għal konvenut li jitlob reviżjoni tal-kumpens jekk il-qligħ tal-attur jonqos u qatt ma jkun hemm ċertezza fuq il-komputazzjoni tat-telf ta' qliegħ. Dan wara kollox mhux l-iskop tal-Artikolu 1045 tal-Kap. 16.

9. Għalhekk il-Qorti meħudin in konsiderazzjoni dawn il-fatturi mhux ser tqis anqas id-dokumenti esebiti għas-snin wara l-2015.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Registratur
da